MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 1682/2000/1

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Joseph BORG.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-10 t'Awissu, 2000, li permezz tieghu l-Bank rikorrent talab:

Illi l-Bank attur gie kanonizzat kreditur tal-konvenut b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-16 ta' Jannar 1990, fl-ismijiet 'Prokuratur Legali Joseph Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited - vs Joseph Borg' (Citazzjoni Numru 527/89), li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. "A" fis-somma ta' elf, mitejn u tlieta u disghin liri maltin, sitta u hamsin centezmu u zewg millezmi (Lm1293.56,2), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-24 ta' Marzu 1989 sad-data tal-effettiv pagament, kif ukoll l-ispejjez legali ammontanti ghal erbgha u tletin liri maltin u sitta u disghin centezmu (Lm34.96), skond taxxa hawn annessa u mmarkata Dok. "B" mahruga mill-Qorti;

Illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta t-titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit;

Illi dan id-debitu ghadu dovut fl-intier tieghu lis-socjeta' rikorrenti;

Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li jigu ravvivati d-drittijiet taghha kontra l-konvenut u b'hekk l- istess kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi u jkun jista' jigi esegwit kontra d-debitur;

Rat iz-zewg (2) dokumenti mehmuza mal-istess att;

Rat id-degriet taghha tas-17 t'Awissu, 2000, li bih appuntat ir-Rikors ghas-smiegh ghad-9 ta' Novembru, 2000;

Rat li l-intimat, notifikat fit-2 t'Ottubru, 2000, bl-istess Rikors u bl-Avviz tas-Smiegh, ma ressaq l-ebda kontestazzjoni fiz-zmien moghti lilha mil-ligi dwar it-talba tal-Bank rikorrenti;

Semghet lill-intimat, permezz tal-Avukat tieghu meta r-rikors issejjah l-ewwel darba ghas-smiegh, jitlob li tinghata d-dritt li jikkontesta t-talba u b'hekk inehhi l-kontumacja tieghu, ghal liema talba l-Bank rikorrent irrimetta ruhu;

Semghet lill-istess intimat bil-gurament;

Semghet lill-Avukati tal-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom;

Rat l-atti kollha rilevanti tal-kawza dwar dan l-episodju;

Rat id-Degriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2000, u dak tas-6 ta' Dicembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghall-provvediment dwar it-talba tal-intimat li jkun jista jressaq kontestazzjoni, u dan bil-fakolta' li l-partijiet iressqu noti ta-sottomissjonijiet saz-zmien hemm moghti, liema noti ma jidhirx li saru;

***Ikkunsidrat:***

Illi, mis-sottomissjonijiet mismugha minn din il-Qorti f'isem l-intimat, ir-raguni ewlenija li ghaliha hu jghid li jkun xieraq u misthoqq li l-kontumacja tieghu titnehha tikkonsisti fil-fatt li, kien biss gimgha qabel l-ewwel smiegh li martu ghaddietlu l-kopja li hija giet notifikata bihom;

Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qieghed jintalab mill-parti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghamil li jisthoqqlu piena - dik li ma jkun jista' jindahal fit-tressiq ta' provi - bhala element ta' disordni socjali [ara App. Civ. Joseph Vella pro et noe vs John Vella maqtugha fil-**21 ta' Mejju, 1993**];

Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka

li jista' jammonta ghal htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul, maqtugha fl-**4 ta' Lulju, 1991**];

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' konvenut hija gustifikata u thalli lil dik il-parti tressaq id-difiza taghha, ma tkun b'daqshekk biss titqies li qeghda tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-ahjar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tac-Citazzjoni, sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

Illi l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-principji huma li: (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; minbarra dan, (f) sabiex zball ikun meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli b'mod li (g) l-impediment legittimu li jzomm lill-parti milli tressaq id-difiza taghha irid ikun dik li bnadi ohra ssejhet bhala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibli*; u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss, wahda morali [ara per ezempju Appell Civili Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici maqtugha fit-**12 ta' Dicembru,**

**1975**; u PAGV Joseph Naudi Montaldo *nomine* vs Emmanuel Xuereb maqtugha fis-**27 ta' Frar, 1995**];

Illi jrid jinghad ukoll li, taht il-procedura mfissra fil-Kodici tal-Procedura taht l-artikolu 258, il-ligi ma tapplikax terminu specifiku mill-jum tan-notifika tar-Rikors li fih l-intimat ikun obbligat iressaq it-twegiba tieghu. Jista' jitqies, ghalhekk, li f'dan il-kaz, ma jidhrix li l-ligi timponi z-zmien tal-ghoxrin (20) jum bhalma jigri fil-kaz ta' att tac-Citazzjoni;

Illi, l-Qorti tifhem, ghalhekk, li sa dak inhar li jissejjah ir-rikors, l-intimat jista' jressaq it-twegiba tieghu. Fil-kaz presenti, l-intimat naqas li jaghmel dan, u dan minkejja li kien jaf imqar gimgha qabel (kif xehed huwa stess) bid-data tas-smiegh tar-rikors;

Illi, minbarra dan, il-Qorti ghadha ma tafx sallum x'inhi jew x'inhuma r-ragunijiet li ghalihom l-intimat jixtieq jikkontesta t-talba tar-rikorrent;

Illi, minn dak li rrisulta waqt is-smiegh tal-provi, il-Qorti ssib li l-intimat ma sehhlux juri raguni tajba bizzejjed li biha jisthoqqlu f'dan l-istadju jikkontesta t-talba tal-Bank rikorrent;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, din il-Qorti qeghda tiddeciedi l-episodju presenti billi:

**Ssib li m'hemmx raguni tajba bizzejjed biex l-intimat jithalla jikkontesta l-kawza**, imma dan minghajr pregudizzju ghall-jedd tieghu li jaghmel is-sottomissjonijiet bil-mod imfisser fl-artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju xieraq tas-smiegh ta' dan ir-rikors;

U tordna li jisskota s-smiegh tar-rikors;

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------